MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2014

Numru. 101/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Philip Micallef**

Numru: 101/2013

Illum 15 ta' Ottubru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Philip Micallef**, ta' disgha u sittin (69) sena, iben Michael u Catherine neé Spiteri, imwieled Rabat, Ghawdex, fis-16 ta' Lulju 1944, u residenti

'Philpol', Triq tat-Trux, Gharb, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 58944(G), akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Settembru 2013, gewwa Triq it-Trux, Gharb, Ghawdex hekk ghall-habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (3.30am):

1. minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Wayne Attard u Omar Attard f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna taghhom u dan bi strument li jaqta' u bil-ponta;

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qabad armi kontra n-nies;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb kontra l-persuni ta' Wayne Attard u Omar Attard sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu garr strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ngurja jew hedded lil Wayne Attard u Omar Attard.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li, f'kaz ta' htija, barra l-piena skont il-ligi tapplika l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll tohrog Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll, f'kaz ta' htija, ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti giet ukoll mitluba illi, f'kaz ta' htija, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u dan skond l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 75) datata 28 ta' Awwissu 2014 li permezz taghha baghat lill-imputati biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

a. fl-Artikoli 214, 215, 216, 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. fl-Artikoli 338(dd), 339(1)(b), 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. fl-Artikoli 6, 51(7), 55(a), 56 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. fl-Artikoli 382A, 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tallum, gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-28 ta' Awwissu 2014 (*a fol.* 75), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lil uhud mix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-kwerelanti, fis-seduta tallum, jiddikjaraw li kienu qed jirrinunzjaw ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat u ghazlu li ma jixhdux *stante* li ghandhom pendenti kontra taghhom proceduri kriminali li jitrattaw l-incident li jsir riferenza ghalih fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u lill-kwerelanti jiddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu f'dan il-kaz.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u anqas ressaq ebda provi.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li gie dikjarat fis-seduta tallum mill-kwerelanti u tenut kont tal-atti processwali ta' dan il-kaz, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat ma gewx sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnhom. Fir-rigward tat-tielet (3) u tas-sitt (6) imputazzjoni, il-Qorti ser tiddikjara l-procediment ezawriet fil-konfront taghhom *stante* rinunzja da parte tal-kwerelanti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tar-raba' (4) u tal-hames (5) imputazzjoni, fuq nuqqas ta' provi, tillibera lill-imputat minnhom, fir-rigward tat-tielet (3) u tas-sitt (6) imputazzjoni tiddikjara l-procediment ezawriet *stante* rinunzja.

In segwitu ta' dak dikjarat mill-kwerelanti, fejn saret rinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ma tarax raguni valida ghala ghandha tapplika l-Artikoli 383 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant tichad tali talba.

Finalment, il-Qorti tordna l-konfiska tal-oggetti li gew elevati u ezebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri, u cioé Dok. "FAT 7", "FAT 8", "FAT 9", u "FAT 10".

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------